# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 1068/96 JAB**

**Margaret Woodall**

**vs**

**Anthony Rapa**

**Il-Qorti;**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

Fis-27 ta' Novembru 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza li fiha l-attrici appellata rreklamat ir-restituzzjoni ta' self breve mano minnha maghmul favur il-konvenut appellant :-

"Il-Qorti,
Rat l-avviz in ezami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jigi kundannat li jhallas lilha l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000)

rapprezentanti ammont mislufa lilu breve mano mill-attrici u li ghakemm huwa obbliga ruhu li jhallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1996 u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tas-self u cioe mis-27 ta' Novembru 1991 sad-data tal-hlas eventwali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 6 ibid) li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt stante illi l-eccipjent mhuwiex debitur tal-attrici.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-obbligazzjoni hija nulla stante l-illecita tal-kawza.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk, ghas-sahha ta' l-argument in pessima ipotezi, il-Qorti ma taccettax it-tieni eccezzjoni, kwalunkwe flus li setat l-attrici ghaddiet lill-eccipjenti kienu b'titolu ta' donazzjoni kif jidher car tenut kont tar-relazzjoni bejn il-partjiet.

4. Illi ghalhekk, fir-raba lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hi perenta a tenur ta' l-artikolu 1790 tal-Kodici Civili tal-Kapitolu 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi ghalhekk id-domanda attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha.

6. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet minn fol 58 seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attrici meta xehdet (a fol 17 u 21 et seq tal-process) spjegat li hi kienet tat b'titolu ta' self, lill-konvenut is-somma ta' Lm1000 sabiex jkun jista jakkwista karozza. Hi kompliet tispjega li hi kienet armla ta' 63 sena meta ltaqghet mal-konvenut, li kellu 47 sena kif ukoll mizzewweg izda separat. Ghal perijodu ta' tlett snin, hi kellha relazzjoni ("affair") mal-istess konvenut kif ukoll kont kongunt bankarju li minnu kienet sbankat sehemha. Wara li flimkien kienu marru ghal vjagg barra minn Malta, hi u l-konvenut kienu infirdu minghajr ma kien hallas lura s-somma hawn fuq

specifikata. (In rigward l-istess self ara ix-xhieda ta' Hubert Said a fol 15 et seq ibid u ic-cheque a fol 46 ibid imsarraf fis-27 ta' Novembru 1991).

Ikkunsidrat

Illi qabel ma kienet istitwiet dawn il-proceduri, l-attrici kienet ghamlet telefonata lill-konvenut dwar ir-restituzzjoni tal-istess flus, liema telefonata kienet instemghet minn Mario Gatt (fol 30 et seq ibid) l-gharus u eventwalment ir-ragel tal-attrici). Hawnhekk il-konvenut instema' jghid lill-attrici li 'jekk jirbah il-lotterija, jaghtiha l-elf lira'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (a fol 48 et seq ibid) jsostni li l-attrici kienet offrietlu Lm1000 sabiex jakkwista karozza tal-marka Ford Escort liema somma giet accettata minnu. In rigward l-istess somma, skond hu, l-attrici qatt ma kienet qaltlu, direttament li riedithom lura u effettivament cahad li kien ircieva xi telefonata dwar ir-restituzzjoni taghhom, da parti tal-attrici.

Ikkunsidrat

Illi ma hemm ebda dubbju li s-somma hemm fuq imsemmija kienet inghatat mill-attrici lill-konvenut waqt ir-relazzjoni taghhom u dan sabiex il-konvenut jakkwista karozza. Illi mill-provi prodotti ma irrisultax li din l-ghotja kienet effetivament donazzjoni manwali izda ghandha tigi konsiderata bhala self 'brevi manu'.

Illi, pero', l-konvenut jikkontendi li tali self hu null minhabba 'l-illecita tal-kawza'. Hawnhekk issir riferenza ghall-artikolu 990 tal-Kodici Civili fejn jinghad 'the consideration ('causa') is unlawful if it is prohibited by law or contrary to morality or to public policy'. Certament is-self in esami ma kienx illegali jew kontra 'public policy'. In rigward il-kwistjoni tal-moralita' o meno tal-istess self, hawnhekk, ghandu jigi ripetut li hu minnu li dawn il-flus inghataw waqt li kien hemm relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut. Pero, l-istess flus kienu inghataw lill-konvenut sabiex dan jkun jista' jakkwista karozza, kif effettivament ghamel. Certament f'dan, ma hemm xejn li jista' jigi kunsidrat b'xi mod immorali u l-istess Qorti tara li l-attrici hi pjenament intitolata sabiex titlob ir-restituzzjoni tal-istess flus. Jinghad ukoll li f'kasijiet bhal dawn, din il-Qorti trid tara li jigu evitati jew rimedjati kasijiet bhal dak 'in desamina' sabiex tigi evitata xi forma ta' sfruttament jew arrikament illegali jew ingustifikat skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

> Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm1000 bl-imghax legali mit-2 ta' Settembru 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1996."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'zewg aggravji distinti, wiehed illi jsostni l-eccezzjoni tal-kawza illecita waqt li l-iehor isostni l-eccezzjoni tad-donazzjoni. Din il-Qorti ser tqis kull aggravju separatament :-

**(a) L-eccezzjoni tal-kawza illecita**

L-appellant jissottometti quddiem din il-Qorti dak illi ssottometta quddiem l-ewwel Qorti illi "l-ammont ta' flus li nghataw mill-appellata lill-appellant inghataw proprju minhabba li kien hemm din ir-relazzjoni "illecita" ghaddejja bejniethom. It-tezi tal-appellant allura ma hijiex illi hu ma rciviex il-kapital reklamat mill-appellata. Ghall-kuntrarju hu jaccetta illi kien ircieva s-somma ta' elf lira minghandha. Isostni biss pero' illi hu ma kellu l-ebda obbligu li jirrestitwixxi dan l-ammont fl-ewwel lok ghaliex il-flus gew lilu konsenjati fuq kawza illecita u konsegwentement l-obbligazzjoni ma kellha l-ebda effett (artikolu 987 tal-Kap. 16). Jargumenta illi l-ligi espressament tiddisponi illi "l-kawza (tal-obbligazzjoni) hija illecita meta hija pprojbita bil-ligi jew kuntrarja ghal liema hi xierqa jew ghall-ordni pubbliku" (artikolu 990). Jargumenta illi

una volta huwa kien mizzewweg ghalkemm separat finalment minn martu, kien ghad fadallu l-obbligu tal-fedelta' lejha u konsegwentement ma kienx lecitu ghalih illi jkollu relazzjoni adultera ma' haddiehor, f'dan il-kaz mal-appellata.

Minn din il-premessa l-appellant jaghmel riferenza ghal diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati li jsostnu l-illecejita' tar-relazzjoni bhala wahda mhux permessa mil-ligi u li konsegwentement jaffermaw principji tad-dritt gja' espressi f'sentenzi antiki li spiss kienu immirati parrodossalment biex jipprotegu lill-konkubina mill-azzjoni tal-habib ghar-restituzzjoni ta' flus u favuri liberalment minnu lilha moghtija in konsiderazzjoni tal-konvivenza bejniethom. "I contendenti vivevano in concubinato e cio' che viene dato in compenso di favori illeciti o per la speranza di futuri illeciti o continuazione degli stesse costituisce una causa illecita, e non puo essere reclamato, ed anche quando il convenuto avesse promesso il pagamento non sarebbe tenuto ad effettuarlo" (Appell Inferjuri Sacco vs Slowe 11 ta' Ottubru 1916, Prim'Awla Needham vs Darmanin 28 ta' Frar 1893, u Volum XXVII.i.87).

L-appellant qieghed pero' jonqos li japprezza illi kienet minn dejjem issir id-distinzjoni bejn dak illi jinghata mill-konkubin jew konkubina bhala konsiderazzjoni diretta ta u ghal dik il-konvivenza u dak li jinghata b'titolu naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali li tikkreja bejniethom obbligi u jeddijiet reciproci liema relazzjoni setghet titqies li kellha ezistenza indipendenti u awtonima fir-relazzjoni ta' bejniethom. Kien proprju

ghalhekk li anke fis-sentenza appena citata issir enfazi fuq dak li gie moghti "in compenso di favori illeciti o per la speranza di futuri favori illeciti o continuazione degli stessi". "Dak li hu mportanti huwa jekk il-kawza tal-ghoti tal-flus jew tal-oggetti, jkunu meta jkunu moghtija, jkollhiex jew le rapport dirett mal-konkubinat jew ahjar jekk il-konkubinat kienx il-kawza ta' obbligazzjoni li hi nulla bhala illecita. (Appell Civili Prim'Awla 29 ta' Marzu 1955, Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lumb, Smith vs Lawrence deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Mejju 1931 u Reman vs Papa deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Marzu 1933.)

Fil-kaz taht ezami hu ampjament stabbilit illi l-kapital li gie mghoddi f'idejn l-appellant mill-appellata inghata lilu ghall-iskop specifiku illi jkun jista' jixtri karozza. Ghan dan ghal kollox personali ghall-appellant li bl-ebda mod ma kien relatat jew jiffavorixxi r-relazzjoni tal-konvivenza bejniethom. Zgur ma kien hemm xejn illecitu fih innifsu illi wiehed jislef flus lill-haddiehor biex jixtri karozza. Dik il-kawza hi ghal kollox lecita fiha nfisha u ma setghat bl-ebda mod titqies li kienet alterata bil-fatt tar-relazzjoni adultera bejn min jislef u min jissellef. Certament din ir-relazzjoni ma tirrizultax li kienet element determinanti biex gie ifformat il-kunsens tal-kontraenti. Il-flus ma nghataw bl-ebda mod b'xi kundizzjoni li l-appellant jibqa' jirrendi xi servizz illecitu lill-appellata jew bhala xi kumpens ghal tali servizzi. Il-kuntatt ta' self allura seta' jkollu kif kellu ezistenza indipendenti u awtonoma mir-relazzjoni "illecita" tal-

kontraenti. "I contendenti vivevano in concubinato e che il mutuo sia stato nell periodo della loro convivenza non percio' il citato potrebbe esimersi dalla restituzione del mutuo che e' da lui tanto moralmente quanto civilmente dovuto. Il credito dell'attrice ha per causa un mutuo ed il rimborso di spese giudiziarie, e non si allega che la somma reclamata sia il corrispettivo promesso dall'attrice per il favori e gli amplessi illeciti del convenuto. Il mutuo fatto dalla concubina al suo drudo pur potendo avere, come causa occasionale, le relazioni di concubinato, ha pero' come causa diretta, una causa lecita, e la obbligazione che ne risulta e' legale, senza che per esimersi dalla stesssa il debitore possa oppore la illiceita' della causa di tale obbligazione" (Volum XXVII.i.87).

Dan l-insenjament kien jattalja perfettament mal-kaz taht ezami u jirreferi ghall-fatti specie identici ghal dawk konsidrati fil-mertu tal-prezenti istanza. Dana aktar u aktar fiz-zmien meta s-socjeta' jidher li qed toqrob lejn ir-rikonoxximent tal-jeddijiet tal-"common law wife" proprju biex jigu mrazzna l-abbuzi f'dan ir-rigward u tinghata protezzjoni xierqa lil min isib ruhu f'posizzjoni vulnerabbli minhabba li jkun liberalment u volontarjament dahal f'relazzjoni ta' din ix-xorta. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint bhala insostenibbli fil-ligi.

**(b) L-eccezzjoni tad-donazzjoni**

L-appellant isostni wkoll dak li sostna quddiem l-ewwel Qorti illi t-talba attrici kellha tigi michuda in kwantu l-ammont reklamat gie lilu avanzat b'titolu ta' donazzjoni. Hu jinsisti illi l-appellata kienet kemm-il darba xehdet li kienet tixtri diversi affarijiet ghalih u dan huwa wkoll minnu kkonfermat. Kienet taghmillu servizzi domestici u ma kienitx allura haga kbira illi l-elf lira nghataw lilu b'titolu ta' donazzjoni, liema flus hi bdiet tirreklamahom lura biss meta izzewget ghal darb'ohra lil certu Mario Gatt.

Din is-sottomissjoni pero' hi qabel xejn zmentita mill-provi billi jirrizulta abbondantament illi l-flus gew mislufa esplicitament ghax-xiri ta' karozza u dana fuq insistenza tal-istess appellant. Dan il-fatt jirrikonixxieh u jaccettah l-appellant meta ddepona. Mill-banda l-ohra hi f'postha l-osservazzjoni tal-appellata f'risposta fir-rikors tal-appell illi l-appellant kellu jaghzel x'linja ta' difiza kellu jaddotta. Dan ghaliex filwaqt illi s-self kien jikkostitwixxi obbligazzjoni li allura setghet tinkwadra ruhha f'eccezzjoni tal-illeceita' appena diskussa, l-ghoti tar-rigal ossija donazzjoni kienet liberalita' li ma kienet tipproduci l-ebda obbligazzjoni minn naha ta' min jirciviha. Una volta li l-appellant ghazel li jikkontesta l-validita' tas-self hu ma setax jikkontendi li l-flus inghataw b'donazzjoni. Mill-banda l-ohra anke li kieku kellu ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li l-appellat jaghzel ukoll din il-linja ta' difiza, hu minn imkien mill-provi ma hu konfortat fl-allegazzjoni illi l-appellata riedet tiddonalu dan il-kapital. Hemm fil-fatt provi kuntrarji fosthom l-

obbligazzjoni tal-istess appellant li jirrifondi s-somma lilu avanzata meta jkun f'posizzjoni finanzjarja li hekk jaghmel.

Hu car li f'sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. F'dan il-kaz hu manifest illi wiehed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalita' tramite donazzjoni. Titotlu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruza u certa minn dik rikjesta fil-kaz tat-titolu ta' self. Dan l-aggravju qed jigi allura wkoll respint bhala inattendibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg